# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 4 ta' April 2023**

**Talba numru 340/2021SFJ**

**Numru 8**

**ERNESTO BUGEJA**
**VS.**
**JOSEPH BEZZINA**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-22 ta' Novembru 2021 li permezz tiegħu l-attur talab li l-konvenut ikun ikkundannat iħallsu s-somma "*ta' elfejn u erba' mitt Ewro (€2,400) jew kull ammont ieħor verjuri li ma jeċċedix il-valur ta' €5,000*" rappreżentanti rifużjoni mill-ammont ta' sitt elef Ewro (€6,000) li l-attur kien ħallas lill-konvenut għal xi xogħol li eventwalment sar biss *in parte* stante li l-konvenut allegatament abbanduna l-appalt;

Ra r-Risposta tal-konvenut ippreżentata fil-11 ta' Jannar 2022 li permezz tagħha oppona t-talba tal-attur;

Ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, sema' ix-xhieda, sema' it-trattazzjoni finali fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2023, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-4 ta' April 2023.

## Provi ppreżentati

L-attur ippreżenta affidavit li fih qal li l-konvenut kien wieħed mill-kuntratturi li huwa kkonsidra sabiex iwettaq xogħlijiet ta' demolizzjoni ta' dar u rikostruzzjoni, inkluż il-kostruzzjoni ta' *basement* u allura anke t-tqattiegħ tal-blat sottostanti. L-attur ikkonsulta mal-Perit Kurt Camilleri

Burlo u sar kuntatt bejn il-perit u l-konvenut, u wara konversazzjoni telefonika, il-perit kiteb iċ-ċifri kkwotati lilu mill-kuntrattur fil-*file* relattiv. L-ewwel ġurnata tax-xogħol kienet id-19 ta' Ottubru 2019. Dakinhar stess, il-konvenut talab lill-attur is-somma ta' sitt elef Ewro (€6,000) bħala depożitu u wiegħed li ma kienx ser jitolbu aktar ammonti qabel jitlesta x-xogħol. L-attur stqarr li ħassu sorpriż u fil-pront ċempel lill-perit biex jinfurmah b'dan. Il-perit tah parir iniżżel kollox bil-miktub. Eventwalment, l-attur għadda pagament ta' €2,500 lill-konvenut dakinhar stess (19 ta' Ottubru 2019) u pagament ta' €3,500 l-għada (20 ta' Ottubru 2019).

Il-konvenut lesta l-ġarr tat-terrapien fi tlett ijiem u l-ġarr ta' tmien trakkijiet terrapien (bir-rata ta' €450 għal kull trakk) kien jammonta għal €3,600 skont il-ftehim. Ġara, iżda, li kif l-attur avża lill-perit li l-ġarr tat-terrapien kien lest, il-perit infurmah li qabel seta' isir it-tqattiegħ tal-blat, kellhom isiru t-testijiet tas-sodizza tal-blat kif rikjest mill-Awtorità tal-Ippjanar. L-attur avża lill-konvenut li x-xogħol kellu jieqaf sakemm kuntrattur ieħor ilesti t-testijiet neċessarji. Ġara, iżda, li l-kuntrattur inkarigat mit-testijiet dam gimagħtejn biex mar fuq il-post, u r-riżultati tal-kampjuni tal-blat damu xahrejn biex ħarġu. Meta l-perit informa lill-attur li t-testijiet tal-blat kellhom eżitu pożittiv u seta' jibda t-tqattiegħ tal-blat, kellu jinġieb kuntrattur ieħor biex bi *trencher* jaqta' linja dritta fil-blat biex jifred iż-żona tal-iżvilupp mill-ġirien, u dan stante li l-konvenut, għalkemm kien kuntrattur, ma kellux *trencher*. L-attur spjega li dan kollu ħa ftit inqas minn tlett xhur, u li l-konvenut kien jaf li dawn l-affarijiet jieħdu ż-żmien. L-attur qal li meta huwa ċempel lill-konvenut biex jitkompla x-xogħol, dan ħasdu għax qallu li l-barriera fejn kien jarmi t-terrapien kienet għalqet u per konsegwenza kien ser ikollu jarmi t-terrapien f'barriera oħra u l-prezz għat-tqattiegħ tal-blat kien għola għal €35.00 għal kull metru kwadru (minn €30.00 għal kull metru kwadru). Id-differenza fil-prezz kienet ser tiswa lill-attur madwar €3,500.

L-attur reġa' kkuntattja lill-perit tiegħu, u l-perit min-naħa tiegħu ipprova jikkuntattja lill-konvenut, iżda t-tentattivi ma ħallewx frott. L-attur stess ċempel lill-konvenut iżda dan tal-aħħar kien insistenti li l-prezz tat-tqattiegħ kien ta' €35.00 għal kull metru kwadru. L-attur imbagħad avżah li kien ser jagħti x-xogħol lil ħaddieħor. L-attur informa lill-konvenut ukoll li d-depożitu ta' €6,000 imħallas kien jammonta għal €2,400 aktar mill-valur tax-xogħol li kien sar mill-konvenut, iżda l-konvenut qallu li ma kien ser ikun hemm ebda rifużjoni. Tramite l-avukati tal-partijiet, l-attur sar jaf li l-konvenut ried kumpens talli tilef ix-xogħol.

In kontro-eżami, l-attur ikkonferma li l-ftehim tal-appalt ma kienx redatt bil-miktub u kien purament bil-fomm. Huwa kompla jgħid li l-konvenut ried is-sitt elef Ewro fi flus kontanti. L-attur ikkonferma wkoll li l-konvenut għamel tmien vjaġġi ta' ġarr ta' terrapien. Meta mistoqsi dwar it-*trencher,* l-attur ċaħad li kien il-konvenut li sab kuntrattur alternattiv li kellu *trencher*. Huwa insista li kien hu, ċioè l-attur stess, li sab kuntrattur alternattiv li kellu *trencher* sabiex isir ix-xogħol li għalih kien meħtieġ *trencher*. B'referenza għal *site visit* sabiex jiftiehmu fuq il-prezz tat-tqattiegħ tal-blat, l-attur ikkonferma li l-konvenut kien spjegalu r-raġuni li l-prezz għola minn €30 kull metru kwadru għal €35 kull metru kwadru. Huwa spjega, iżda, li l-kuntrattur l-ieħor kien aċċetta li jqatta' il-blat bil-prezz ta' €30 għal kull metru kwadru. Meta kien mistoqsi jekk il-konvenut riedx jikkumpensa lill-attur bix-xogħol għall-fatt li għola l-prezz, l-attur wieġeb fl-affermattiv, iżda kien hu li nsista li dak l-arranġament ma ridux. L-attur ikkonferma li ma kienx hemm *termination notice vis-à-vis* l-konvenut, u mistoqsi kienx jaf jekk minħabba dan, il-konvenut spiċċax mingħajr xogħol għal għaxart ijiem, wieġeb li dak ma kienx minnu.

In kontro-eżami ulterjuri (fol. 93 *et seq.*), l-attur ċaħad li huwa waqqaf lill-konvenut milli jaħdem, u qal li kien il-konvenut li għolla l-prezz. Huwa saħaq li l-konvenut insista fuq il-prezz stabbilit

minnu u ma tax indikazzjoni li kien ser jiċċaqlaq. Meta mistoqsi f'liema punt huwa sab kuntrattur ieħor sabiex jidħol minflok il-konvenut, l-attur wieġeb li billi kull kuntrattur ikollu x'jagħmel, ma setax ikun mistenni li l-kuntrattur jibda x-xogħol minnufih. L-attur ċaħad li huwa qabbad lil xi kuntrattur ieħor qabel waqqaf lill-konvenut.

Il-Perit Kurt Camilleri Burlo xehed permezz ta' affidavit u kkonferma li kien tqabbad mill-attur biex jikkuntattja lill-kuntrattur u jistaqsih setax ibaxxi r-rati u jaħdem bil-prezzijiet ta' kuntrattur ieħor. Skont il-perit, il-konvenut aċċetta li jbaxxi r-rati sabiex jikkompeti. Huwa ħa nota taċ-ċifri indikati lilu mill-konvenut u dawn ġew elenkati fl-ewwel paġna tal-affidavit (fol. 18 tal-proċess). *Del resto,* il-perit ikkonferma l-verżjoni tal-attur.

In kontro-eżami, il-perit xehed li l-ftehim dwar ir-rati sar qabel beda x-xogħol. Huwa qal li ma kienx jiftakar min fil-fatt sab il-kuntrattur alternattiv li kellu t-*trencher*. Huwa qal li l-*commencement notice* tax-xogħol kienet relattivament għall-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar numru 580/20. Dwar *termination notice*, huwa qal li kien ippreżenta formola lill-Awtorità biex jinfurmaha li l-konvenut ma kienx għadu l-kuntrattur inkarigat, iżda ma kienx hemm *termination notice*. Il-konvenut ma kienx iffirma din it-*termination notice*.

Antoine Camilleri xehed li kien *business partner* tal-konvenut u li kien preżenti matul is-*site visit*. Huwa qal li hu flimkien mal-partijiet ftiehmu li l-prezzijiet tal-konvenut kellhom jogħlew għax ingħalqet il-barriera li l-konvenut kien juża biex jarmi t-terrapien. Ix-xhud, iżda, ippreċiża li l-prezz ma kienx €30 jew €35 għal kull metru kwadru, iżda għal kull *cubic yard*.

In kontro-eżami, Camilleri qal li fl-ewwel parti tax-xogħol, jiġifieri fiż-żmien tad-demolizzjoni, huwa ma kienx *partner* tal-konvenut u allura ma kienx jaf x'diskussjonijiet saru qabel huwa daħal fix-xena. Meta ġie mistoqsi jekk l-attur aċċettax li l-prezz kien ser jogħla minn €30 għal €35 għal kull metru kwadru, ix-xhud insista li l-attur ħadilhom b'idejhom.

Tonio Caruana ppreżenta affidavit li fih qal li kien involut fil-ġarr tal-materjal u kkonferma li meta l-barriera magħrufa bħala "Tal-Magħlaq" għalqet, kienu kostretti jużaw barriera oħra li kienet aktar 'il bogħod mis-sit tal-proġett. Huwa qal li għad li l-konvenut kien infurmahom li x-xogħol kellu jieqaf, il-konvenut xorta ħallas lill-ħaddiema tiegħu il-paga għall-perjodu ta' madwar ġimagħtejn li damu weqfin.

In kontro-eżami, Caruana xehed li għamel żewġ vjaġġi lejn il-barriera "Tal-Magħlaq" għall-ħabta ta' Marzu u April tas-sena 2021.

Paul Azzopardi ppreżenta affidavit qasir li fih qal li kien involut fl-istadju tad-demolizzjoni u t-tagħbija tal-materjal. Huwa kkonferma li f'dak l-istadju, il-materjal kien jintrema fil-barriera magħrufa bħala "Tal-Magħlaq".

In kontro-eżami, Azzopardi spjega li x-xogħol kien jikkonsisti f'li titgħabba l-*excavator* bit-terrapien. Ix-xogħol li kien responsabbli għalih sar fit-3 ta' Ottubru.

Radovan Mulic ippreżenta affidavit bl-Ingliż li fih qal li hu kellu jeskava l-art wara d-demolizzjoni u jsuq it-trakkijiet lejn il-barriera. Huwa qal li meta l-konvenut infurmah li x-xogħol kien waqaf, l-istess konvenut xorta ħallsu għall-għaxart ijiem li dam ma jaħdimx.

Matthew Vella ppreżenta affidavit qasir li fih ikkonferma li l-barriera magħrufa bħala "Tal-Magħlaq" għalqet għall-ħabta ta' Jannar/Frar 2021 stante li laħqet *full capacity*. In kontro-eżami, huwa ma qal xejn ġdid.

Roderick Livori xehed in rappreżentanza tal-Awtorità tal-Ippjanar u ppreżenta sett ta' dokumenti. Meta ġie mistoqsi dwar it-*termination notice*, huwa spjega li dik kienet formola li tkun ippreżentat lill-*Building and Construction Agency* u li l-Awtorità tal-Ippjanar tkun biss mgħarrfa biha u ma kinitx responsabbli għaliha.

Joseph Bezzina xehed *viva voce* fil-qosor dwar il-*profit margins* tal-proġett naxxenti mill-inkarigu mogħti lilu mill-attur. Imbagħad, huwa ppreżenta affidavit li fih spjega s-segwenti:

- Illi l-attur inkarigah biex iħammel id-demolizzjoni, iħammel il-*loose material*, u jqatta' u jġorr il-blat;

- Illi huwa (il-konvenut) mexa mal-istima miftiehma u naqqas l-ammont għal xogħol ta' demolizzjoni mill-istima;

- Illi l-ftehim kien għal €450.00 għal kull trakk ta' materjal u €30.00 għal kull metru kwadru (din tal-aħħar rigward ġarr ta' materjal);

- Illi fi tlett ijiem xogħol, ħammel il-materjal riżultanti mid-demolizzjoni u l-*loose material* u kixef il-blat lest għat-tqattiegħ;

- Illi kellu jieqaf mix-xogħol madwar sitt xhur sakemm isiru s-*surveys* u s-*sampling* tal-blat;

- Illi hekk kif lesta t-tħammil, huwa talab lill-attur iħallsu €4,500 (*VAT* esklużż), maħdum bir-rata ta' €450 għal kull vjaġġ (u skont ix-xhud kien hemm għaxar vjaġġi);

- Illi x-xhud ikkonferma li matul is-sitt xhur li dam wieqaf ix-xogħol, il-barriera magħrufa bħala "Tal-Magħlaq" kienet għalqet u kellu jsib barriera aktar 'il bogħod;

- Illi meta saret laqgħa bejn il-partijiet li għaliha Antoine Camilleri kien preżenti, l-attur aċċetta li l-prezz kien ser jogħla għal €35.00 kull *cubic yard* u ħadu b'idejn xulxin;

- Illi stante li l-attur aċċetta, il-konvenut ikkommetta ruħu mal-ħaddiema tiegħu u kienu lesti biex jibdew it-tqattiegħ;

- Illi ġimgħa wara li kienu ftiehmu, l-attur biddel il-ħsieb u ried lura d-depożitu. Min-naħa tiegħu, il-konvenut offra li d-differenza, jiġifieri l-ammont ta' €1,500 jagħtihulu b'xogħol;

- Illi l-attur waqqaf ix-xogħol ħabta u sabta u xorta waħda ħallas lill-ħaddiema li kien ikkommetta ruħu magħhom;

- Illi rigward it-*trencher*, il-konvenut qal li kien hu li sab min jagħmel il-parti tax-xogħol li kienet tirrikjedi *trencher*;

- Illi qabel bdew ix-xogħlijiet, huwa ffirma l-*commencement notice;*

- Illi l-attur qatt ma talbu jiffirma *handover notice* sabiex jidħol kuntrattur ieħor minfloku.

In kontro-eżami, Bezzina qal li l-ftehim bejn il-partijiet rigward l-iskavar kien ta' €30.00 għal kull *cubic yard*, u mhux għal kull metru kwadru. Huwa qal li għall-ħabta ta' Frar 2021 ingħaqad ma' kumpannija oħra, u s-sieħeb il-ġdid tiegħu fin-negozju qallu "*irranġa l-prezz*" għax il-barriera li fiha kienu ser jintremew it-terrapien għalqet u kien hemm bżonn li tintuża barriera oħra. Ix-xhud qal li ma kienx minnu li l-attur ma qabilx fuq dan il-punt. Bezzina xehed ukoll li huwa la qatt ra u lanqas qatt ikkuntattja jew ġie kkuntattjat mill-Perit Camilleri Burlo; saħansitra qal li ma kienx jaf min kien. Ix-xhud qal li kien tħallas depożitu ta' €1,500 mill-attur u ċaħad li d-depożitu kien ta' sitt elef Ewro. Bezzina hawn ikkonferma li għolla l-prezz tal-iskavar għax ix-xogħol dam ħames xhur biex jitkompla, iżda mbagħad aċċetta li x-xogħol dam biex tkompla minħabba li saru t-testijiet fuq il-blat. In ri-eżami, ix-xhud qal li r-rata għoliet minħabba li t-trakkijiet kellhom isuqu triq itwal biex jarmu t-terrapien u konsegwentement kienu ser jużaw aktar *diesel*.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

L-Artikoli 1639 u 1640 tal-Kodiċi Ċivili jgħidu:

> ***1639.*** *L-appaltatur illi ntrabat li jtella' bini, jew xogħol ieħor kbir, skont pjanta stabbilita u miftiehma ma' min tah ix-xogħol, ma jista' jitlob ebda żjieda ta' prezz, minħabba li jkun żdied il-prezz tal-ħaddiema jew tal-materjali, jew minħabba li fil-pjanta jkun sar xi tibdil jew żjieda, li ma jkunux gravużi għalih.*
>
> ***1640.*** *(1) Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda.*
>
> *(2) Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.*
>
> *(3) Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.*
>
> *(4) Kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel mal-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun ta x-xogħol kull eċċess li jirriżulta.*

> *(5) Il-kuntratt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorità jew konferma mill-qorti.*

F'dan il-każ, mhuwiex l-appaltatur li qiegħed jitlob li jitħallas għal xogħol li sar minnu. Anzi, huwa l-appaltant li ttermina l-appalt – skont hu, għal raġunijiet validi – u qiegħed jitlob li jkun rifuż l-ammont indikat fl-Avviż tat-Talba.

L-attur jixhed ċar li huwa ħallas depożitu ta' €6,000 lill-konvenut. Stranament, il-konvenut, fl-affidavit tiegħu, ma jagħmel ebda referenza għal xi depożitu mħallas lilu. Imbagħad, in kontro-eżami (fol. 99), il-konvenut jgħid li rċieva depożitu ta' €1,500 iżda meta ġie ssuġġerit lilu li d-depożitu kien ta' €6,000, huwa ċaħad kategorikament u qal li d-depożitu kien ta' €1,500, forsi massimament €2,000. It-Tribunal jistenna parti f'kawża bħal din li hija midħla ta' dan ix-xogħol tkun taf x'ammonti ġiet imħallsa u minn min. *Siccome* l-konvenut kien jaf li ser jixhed in kontro-eżami, messu tella' miegħu xi notamenti dwar l-inkarigu mogħti lilu mill-attur.

Prova ċarissima li l-flus għaddew mill-attur lill-konvenut bil-mod preċiż kif jixhed l-attur huma d-dokumenti a fol. 21 u 22 tal-proċess, **liema dokumenti l-konvenut ma jikkontesta b'ebda mod, u lanqas jikkontesta l-firma tiegħu fuqhom**.

Ħaġa oħra li t-Tribunal isib stramba hija l-insistenza tal-konvenut li lanqas biss kien jaf min hu l-Perit Kurt Camilleri Burlo, meta fl-affidavit tiegħu, il-perit qal li huwa ċempel lill-konvenut u dan tah xi rati tal-ħlas fuq it-telefon tant li l-perit ħa n-noti tiegħu waqt it-telefonata. Ir-rati msemmija fl-affidavit tal-perit jikkombaċċjaw mar-rati (inizjali) msemmija mill-konvenut stess. Dan ifisser li almenu xi darba, il-perit u l-konvenut tkellmu żgur. Altrimenti, il-perit kien jgħid li r-rati ngħataw lilu mill-attur wara li dak ikun kellem lill-konvenut, u mhux mill-konvenut direttament. Inoltre, il-konvenut, fl-affidavit tiegħu, ikkonferma li ffirma l-*commencement notice*. Dan huwa dokument pjuttost tekniku li aktarx huwa perit biss li jifhem sewwa u b'mod kunfidenti min għandu jimla' liema parti. It-Tribunal isibha diffiċli jemmen li kien l-attur li ta dan id-dokument lill-konvenut biex jiffirmah.

Fil-fehma tat-Tribunal, l-Artikolu 1639 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi minn din il-kwistjoni b'mod ċar stante li jgħid li l-appaltatur (f'dan il-każ, il-konvenut), ma jistax jgħolli l-prezz miftiehem u dan anki jekk jiżdied il-prezz tal-materjal jew tal-ħaddiema li l-appaltatur ikun ser juża.

Imbagħad, l-Artikolu 1640(4) tal-Kodiċi Ċivili jagħmilha ċara li azzjoni bħal din hija permessa, u l-kalkoli relattivi jippernjaw fuq jekk kienx hemm raġunijiet validi għax-xoljiment tal-kuntratt.

Dwar raġunijiet validi għat-terminazzjoni ta' kuntratt ta' appalt, fis-sentenza ***Alcasons & Company Limited vs. Tigne Development Company Limited*** (Ċitazz. numru 1425/1999/1 deċiża mill-Prim' Awla fit-28 ta' Lulju 2004), intqal hekk:

> "*Illi meta l-liġi ssemmi "raġuni valida" wieħed irid jifhem din il-frażi fid-dawl tal-imġiba tal-appaltatur waqt l-eżekuzzjoni tal-appalt. Trid tkun raġuni li tolqot direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali tal-appaltatur mal-appaltant fis-sens tal-prestazzjoni (jew nuqqas tagħha) tiegħu taħt il-kuntratt tal-appalt. "Raġuni tajba", għall-finijiet tal-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili ma tistax tinftiehem bħala "tajba għall-appaltant għax hekk jaqbillu". Li kieku dawk il-*

> *kelmiet kellhom jitfissru b'dak il-mod, ikunu jġibu fix-xejn id-dispożizzjonijiet oħrajn tal-istess artikolu dwar il-kumpens dovut lill-appaltatur…*"

L-attur jisħaq li huwa waqqaf ix-xogħol stante li l-konvenut biddel il-prezz tal-iskavar minn €30 għal kull metru kwadru għal €35 għal kull metru kwadru. Il-konvenut jaċċetta li huwa għolla l-prezz, iżda jipprova jiġġustifika dan b'żewġ raġunijiet. L-ewwelnett, il-konvenut jgħid li l-barriera fejn kien jintrema t-terrapien għalqet u kellu jsir użu minn barriera oħra aktar 'il bogħod. Fil-fehma tat-Tribunal, din hija raġuni plawsibbli da parti tal-konvenut.

It-tieni raġuni hija li skont il-konvenut, l-attur aċċetta li l-prezz jogħla. It-Tribunal isibha diffiċli jemmen li l-attur donnu passivament aċċetta li jogħla l-prezz u ħadha daqslikieku kienet ħaġa li dwarha m'hemmx wisq x'tagħmel ħlief li taċċetta t-termini u l-kundizzjonijiet li joffrilek l-appaltatur. Ovvjament, it-Tribunal mhuwiex qiegħed jistenna li l-partijiet jiftakru l-kliem preċiż li ntqal.

Ħaġa li tikkonvinċi lit-Tribunal li l-attur ma aċċettax li togħla r-rata hija l-fatt li huwa l-attur appaltant li fetaħ din il-kawża, u **mhux** il-konvenut appaltatur li fetaħ kawża *ai termini* tal-Artikolu 1640(2) u (3) tal-Kodiċi Ċivili. Jekk il-konvenut, fil-provi tiegħu, qiegħed jallega telf ta' profitt u addirittura dannu, messu għamel użu minn dawk is-subartikoli tal-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili.

Stabbilit dan, it-Tribunal iħoss li għandu jippreċiża li meta ftiehmu inizjalment, il-partijiet messhom kienu ċari dwar jekk ir-rati relattivi kinux japplikaw għal metru kwadru jew *cubic yard,* stante li hemm differenza mhux ftit bejn dawk il-*units* ta' kejl. Il-*unit* tal-metru kwadru jittratta biss *surface area* filwaqt li *cubic yard* (isimha magħha) tittratta mhux biss *surface area* iżda anki l-fond (*depth*). Dan biex wieħed ma jsemmix id-differenza bejn metru u jarda, fejn jarda waħda hija ekwivalenti għal 0.9144 metri.

It-Tribunal ikompli jgħid li kieku mhux għaż-żjieda fil-prezz, liema żjieda fil-prezz mhijiex permessa mill-Artikolu 1639 tal-Kodiċi Ċivili, l-attur kellu kull intenzjoni li jibqa' juża s-servizzi tal-konvenut. Fil-fehma tat-Tribunal, jirriżulta ċar mill-provi li l-attur ma daħħal ebda kuntrattur ieħor fix-xena qabel ma ġie tterminat l-inkarigu tal-konvenut. L-uniku kuntrattur ieħor li daħal fix-xena kien dak li tqabbad jagħmel it-testijiet tal-blat.

Minn dan jirriżulta, għalhekk, li l-attur kellu raġuni valida sabiex ixolji l-appalt.

Stabbilit dan, it-Tribunal ma jaqbilx mal-mod kif inhu redatt it-tieni paragrafu tal-Avviż tat-Talba. Ma jirriżultax mill-provi li l-konvenut abbanduna l-appalt u f'daqqa waħda ma deherx aktar. Dak li jirriżulta huwa li minħabba li l-konvenut iddeċieda li jgħolli l-prezz kif diġà deskritt, l-attur ħass li ma setax jaċċetta dik il-bidla u konsegwentement ittermina l-inkarigu (kif kellu kull dritt jagħmel skont l-Artikolu 1639 tal-Kodiċi Ċivili).

Dwar l-ammont ta' vjaġġi ta' ġarr ta' materjal, l-attur jgħid li saru tmien vjaġġi filwaqt li l-konvenut jgħid li saru għaxar vjaġġi. Il-konvenut, fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami (fol. 100), huwa pjuttost impreċiż fil-mod kif jixhed. F'punt minnhom qal li kien għamel xogħol għall-attur ta' valur ta' €5,000, u mument wara, qal iċ-ċifri ta' €9,000 u €10,000. Imbagħad, għad li fl-affidavit tiegħu u matul il-kawża kollha ilu stabbilit li l-prezz ta' kull vjaġġ ta' ġarr ta' terrapien kien €450, il-konvenut qal li l-prezz ta' kull vjaġġ kien €300. Huwa stante d-dubji mnisslin minn dawn l-inkonsistenzi kif ukoll stante li jirriżulta li l-attur kien kompletament korrett meta ddeskriva kif

saru l-pagamenti lill-konvenut, u l-konvenut ma kkontestax il-firem tiegħu a fol. 21 u 22 tal-proċess, li t-Tribunal ser jagħżel li jemmen lill-attur inkwantu saru tmien vjaġġi bit-trakk, u mhux għaxar vjaġġi.

Kwindi, bi tmien vjaġġi ta' ġarr ta' terrapien (€450 kull vjaġġ), il-konvenut nefaq €3,600 għall-ġarr tat-terrapien.

Il-kalkoli tal-attur huma tali li dan il-ġarr ta' terrapien kien l-uniku xogħol li effettivament sar (u fil-fatt m'hemm ebda kontrotalba mill-konvenut) u għalhekk, huwa għandu jieħu lura r-rimanenti mid-depożitu ta' €6,000, liema rimanenti huwa ta' €2,400.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' t-talbiet tal-attur stante li dan tal-aħħar kellu raġuni valida biex itemm l-appalt, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' elfejn u erba' mitt Ewro (€2,400), bl-imgħax li għandu jkun ikkalkulat b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, dekorribbli mid-data tal-ftuħ tal-kawża, sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
***B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.***
**Ġudikatur**